# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Gunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Brian Fenech**
**Darrin (Edward) Fenech**

**Kumpilazzjoni Nru: 232/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Brain Fenech, ta' 51 sena, iben Alfred u Concetta nee' Vella, imwieled Pieta', residenti gewwa Redeemer, Triq il-Poezija, Zebbug (Malta) u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 311569 (M)

U

Derrin (Edward) Fenech, ta' 48 sena, iben Alfred u Concetta nee' Vella, imwieled Pieta' u residenti gewwa 7, Triq il-Kbira, Haz Zebbug (Malta) u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 144473 (M).

Akkuzati talli nhar is-7 ta' Frar, 2021 ghal habta tal-11:30hrs u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa Haz Zebbug (Malta) minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura

gravi fuq il-persuna ta' James Alexander Casha, skond kif iccertifikat minn Dr Raphael Gatt mill-isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kissru l-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied;

Il-Qorti, giet mitluba bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza, cioe' James Alexander Casha jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond kif jipprovdi l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghathom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini ta' liema u, in vista ta' l-ammissjoni inkondizzjonata ta'l-imputati, il-Qorti ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom, u min-naha l-ohra ic-cirkustanzi li wasslu ghall-incident in ezami, il-koperazzjoni ta' l-imputati mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta qed jigu sospiezi ghal; perjodu ta' erbgha snin. In oltre, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' James Alexander Casha u sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku qed torbot lill-imputati b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' elfejn Euro ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor fi zmien erbgha snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**